MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Mandat Numru. 342/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**

**Fl-ismijiet:**

**Carmelo Mallia (680158M) u martu Mary Grace Mallia (95661M)**

**vs**

**All Invest Company Limited (C-22239), Patrick Massa (343561M), Wallace Falzon (308986M), u martu Rose Falzon (323570M) f'isimhom proprju u ghan-nom ta' binhom minuri Keith Falzon (63697M), Kenneth Falzon (420594M) u Rosewall Investments Limited (C-38596)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-27 ta’ Frar, 2015;
2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-27 ta’ Frar, 2015, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

    2.1. Akkoljiet provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti fuq indikati;

    2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza u fil-hin hemm indikati, (ara foll 1 u 7);

    2.3. Ordnat in-notifika ta’ l-istess digriet taghha flimkien mar-rikors promotur lill-partijiet l-ohra involuti biex dawn jirrispondu skond il-ligi;

3. Rat ir-risposti ta’ l-intimati senjatament, dik ta’ Wallace Falzon, Rose Falzon *proprio et nomine* u ta’ All Invest Company Limited, ilkoll datati d-9 ta’ Marzu, 2015, (ara rispettivament foll 19, 23 u 26), dik ta’ Patrick Massa datata l-10 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 43), u finalment dik tas-socjeta` Rosewall Investments Limited datata it-18 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 45);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-procedura odjerna hi dik specjali kontemplata fl-artikli 873 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament elenkaw il-pretensjonijiet taghhom bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti qeghdin jiddefendu l-interessi taghhom;

7.2. Illi biex jaghmlu hekk jixtiequ jzommu lill-intimati milli jbieghu, jittrasferixu, jnehhu jew jiddisponu *inter vivos*, kemm b'titolu oneruz kemm gratuwitu, jew jghabbu b'xi drittijiet jew piz reali jew personali favur terzi l-proprjetajiet kollha minnhom indikati fl-istess rikors promotur jew xi parti jew sehem indiviz minnhom, jew li jcedu jew jirrinunzjaw ghal xi jedd li ghandhom fuq l-istess proprjetajiet, (ara foll 1 *et sequitur*);

7.3. Illi bhala klijenti tas-socjeta` all Invest Company Limited immexxija mill-intimat Wallace Falzon u fuq pariri ta' l-istess, ir-rikorrenti investew sitt mitt elf Ewro (€600,000.00), ma' l-istess socjeta`;

7.4. Illi r-rikorrenti ma kellhomx it-taghrif, tahrig jew esperjenza fil-qasam ta' l-investimenti;

7.5. Illi l-intimati naqsu jaghtuhom l-informazzjoni shiha fir-rigward u dan bi ksur ta' l-obbligi taghhom taht ir-regoli ta' l-Awtorita` Maltija tas-Servizzi Finanzjarji;

7.6. Illi *di piu`* l-istess socjeta` All Invest Company Limited flimkien ma' l-intimat Patrick Massa approfittaw ruhhom minn dan in-nuqqas t'esperjenza tar-rikorrenti u ottenew firem ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet li r-rikorrenti ma fehmux;

7.7. Illi rizultat ta' dan ir-rikorrenti sofrew danni konsiderevoli billi tilfu l-kapital u dhul iehor, li ghalih ghandhom iwiegbu l-intimati;

7.8. Illi l-intimat Wallace Falzon, bil-komplicita` ta’ l-intimata martu Rose Falzon u mas-socjeta` Rosewell Investments Limited, svesta ruhu mill-assi personali u socjetarji tieghu fuq indikati, u anke beda proceduri biex is-socjeta` All Invest Company Limited tigi dikjarata falluta;

7.9. Illi ghalhekk l-intimati kollha fuq indikati huma responsabbli *in solidum* biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi min-naha taghhom l-intimati qed jopponu ghat-talba tar-rikorrenti, u ghall-ekonomija tal-gudizzju l-argumenti minnhom esposti, qed jittiehdu kumuluttivament u jigu hawn sintetizzati bil-mod segwenti;

8.1. Illi r-rikorrenti ma jissodisfawx il-livell tal-*prima facie* rikjest mil-ligi;

8.2. Illi kif propost il-mandat *de quo* personalment fil-konfront ta’ l-intimat Wallace Falzon, dan ma jirrizultax li hu proponibbli;

8.3. Illi r-rikorrenti ma jurux kif jistghu jsofru l-preguzzju irrimedjabbli minnhom indikat;

8.4. Illi l-intimata Rose Falzon *proprio et nomine* m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;

8.5. Illi r-rikors promotur ma jissodisfax ir-rekwizit ta' l-artiklu 831 (1)(b) tal-Kap 12 fuq indikat;

8.6. Illi hu assurd li jigi allegat mir-rikorrenti li snin wara li kienu konkluzi t-transazzjonijiet in mertu, jallegaw li ma kienux fehmu l-portata ta' l-istess u ghalhekk gew infamati;

8.7. Illi fost l-investimenti rikjamati mir-rikorrenti hemm ammonti li gia` gew lilhom rifuzi;

8.8. Illi s-socjeta` All Invest Company Limited tichad bil-qawwa li approfittat ruhha mir-rikorrenti u li agixxiet b'qerq;

8.9. Illi *di piu`,* l-istess socjeta` ma ddisponiet minn ebda proprjeta` indikata fir-rikors promotur;

8.10. Illi r-rikorrenti lanqas jissodsfaw l-artiklu 831(1)(b) tal-Kap 12 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tas-suespost, analizi tal-vertenza odjerna jirrileva sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna hi determinata mill-fuq imsemmi artiklu 873 tal-Kap 12;

9.2. Illi ghalhekk ghandu jkunu pacifiku li tali procedura hi specifikatament intiza bhala wahda ta' natura specjali intiza biex izzomm persuna milli taghmel xi haga – tkun li tkun – li tista' tilledi jew tkun ta' pregudizzju, u allura, ta' hsara immedjata, lil dik il-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

9.3. Illi ghalhekk hu impellenti li biex tali mandat ikun jista' jinhareg skond il-ligi, il-parti lanjanti ghandha tissodisfa r-rekwiziti stipulati fl-istess artiklu tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq riferiti, senjatament:

9.3.1. Illi l-mandat *de quo* hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet legittimament vantati mir-rikorrenti;

9.3.2. Illi jrid ukoll jigi assodat li r-rikorrenti involut irid ikollu ta' lanqas dawk id-drittijiet minnu pretizi ta' lanqas fil-livell tal-*prima facie* kif statutorjament stabbilit;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi analizi tal-fatti kif rizultanti mill-atti tar-rikors odjern u kif karpiti mill-interventi verbali ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet kollha involuti minnhom moghtija fis-smiegh appozitament stabbilit fir-rigward iwassal ghas-segwenti delineazzjoni sintetika tal-fatti:

10.1. Illi r-rikorrenti investew madwar sitt mitt elf Ewro (€600,000.00) mas-socjeta` All Invest Company Limited kif immexxija mill-intimat Wallace Falzon, u fuq pariri ulterjuri ta’ l-intimat Patrick Massa;

10.2. Illi r-rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala persuni informati, intizi, jew ta’ xi esperjenza fil-qasam ta’ investiment finanzjarju;

10.3. Illi meta gew infurmati li l-investiment taghhom kien ikkrolla, ir-rikorrenti ippruvaw jarginaw id-danni minnhom sofferti billi intavolaw diversi proceduri, fosthom ir-rikors odjern;

10.4. Illi min-naha taghhom l-intimati wkoll ippruvaw jaghmlu l-istess billi ippruvaw jizvestu ruhhom mill-assi personali u socjetarji b’detriment ghad-drittijiet ta’ investituri li investew maghhom bhal ma hu l-kaz tar-rikorrenti;

10.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qeghdin jibzghu li sa l-epilogu processwali intrapriz, l-intimati ma jkollhomx assi biex jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom sofferti;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li fil-mument prezenti r-rikorrenti ghandhom drittijiet *in prima facie* fir-rigward ta’ l-operat ta’ l-intimati li jissodisfaw il-precett legali in dizamina *stante* li tezisti il-possibilita` reali li l-assi li ghandhom li bihom jistghu jaghmlu tajjeb ghal-lanjanzi tar-rikorernti jistghu facilment jigu dissipati;

12. Illi f'dan l-istadju ta' din il-procedura, dan il-livell ta' *prima facie* hu bizzejjed biex jigu sodisfatti r-rekwiziti statorji fuq riferiti;

13. Illi ghalhekk, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-fatti kif elenkati huma bizzejjed biex jattiraw il-protezzjoni statutorja mitluba mir-rikorrenti permezz tal-procedura odjerna;

**DECIDE:**

14.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ippruvaw it-talbiet taghhom skond il-ligi, u konsegwentement:

14.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti:

14.2. Tirrespingi r-risposti ta' l-intimati kollha;

14.3. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Frar, 2015, b'mod li issa l-istess mandat ta' inibizzjoni in dizamina jinhareg b'mod permanenti;

14.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------